# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Settembru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 276/94 JF**

**Lawrence FORMOSA u Saviour Formosa bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' Formosa Construction Company Limited.**
**vs**
**Karl BONELLO ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Testing Limited u b'digriet tat-28 ta' April 1997 gie ordnat illi l-kawza titkompla biss kontra s-socjeta' "Testing Ltd".**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disa' u ghoxrin lira Maltja (Lm629) ta' prezz ta'

ready mix concrete ilha mibjugh u konsenjat flimkien ma' l-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sas-16 ta' Gunju 1993 oltre l-imghax kummercjali ulterjuri minn dik id-data sal-hlas effettiv kif jidher mill-prospett (Dok B), liema dejn hu cert likwidu u skadut;

U premess illi fil-fehma tal-atturi nomine, l-konvenut noe m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Art. 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

TALBU li din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Art 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

tikkundanna lill-konvenut noe li jhallas lill-atturi noe s-somma ta' sitt mija u disa' u ghoxrin lira Maltija (Lm629) prezz ta' ready mix concrete lilu mibjugh u konsenjat flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sas-16 ta' Gunju 1993 u flimkien mal-imghax kummercjali ulterjuri minn dik id-data sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1993 kontra l-konvenut noe.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap 16);

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, d-debitu pretiz mill-attur nomine f'din l-istanza m'huwiex dovut mill-esponent nomine, stante illi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-konsenja tar-'ready mix concrete' ma giex ordnata mis-socjeta' konvenuta.

3. Stante eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, l-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti tal-kawza u fosthom il-kapitolu tal-attur nomine ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li f'din il-kawza dwar semplici talba ghal hlas ta' debitu allegatament dovut mis-socjeta' konvenuta, l-Qorti semghet ghad mhux hazin ta' deposizzjonijiet mill-provi akkwiziti kien jidher evidenti li ghalkemm jirrizulta ppruvat li l-materjal ta' konkos fl-ammont ta' prezz muri u mitlub fl-att tac-citazzjoni gie tabilhaqq ikkonsenjat, kien hemm fl-istess waqt stat ta' indeterminazzjoni dwar min sewwa sew ghamel l-

ordni. B'daqstant pero' ma jfissirx li l-Qorti qeghda tidhol fil-mertu billi taqbez l-ewwel eccezzjoni sollevata u cioe' dik tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xhar a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi indipendentement ghalissa min minn ghamel l-ordni jirrizulta – ara Dok B a fol 5 u xhieda dwar dan il-punt - li bhala dati ta' konsenja kien hemm tlieta: 22 u 30 ta' Awissu 1991 u 13 ta' Settembru 1991. Ic-citazzjoni in ezami giet ipprezentata fl-24 ta' Frar 1994, igifieri aktar sentejn u erba' xhur wara l-ahhar konsenja. Taht dan l-aspett ghalhekk m'hemmx dubju li t-talba ghal hlas u l-azzjoni dwarha huma preskritti bil-ligi.

L-atturi nomine jinsistu li kien hemm interuzzjoni, l-ewwel in forza ta' rikonoxximent da parti ta' Karl Bonello ma' Lawrence Formosa, t-tieni tal-prezunta konfessjoni tad-debitu ottenuta bil-kapitoli li gie pprezentat fl-ahhar fazi tal-kawza u wara li diga' kienu xehdu l-partijiet kontendenti. Dwar l-ewwel parti, xehed Lawrence Formosa fis-sens li fuq it-telefon kien baqa' ma' Karl Bonello li dwar il-kont pendenti dan ta' l-ahhar kien qallu li l-kumpanija konvenuta kienet ser tigi xolta u li in segwitu huwa kien fi hsiebu "jirranga kollox" mas-socjeta' attrici u rreferieh biex imur jitkellem mal-avukat tieghu (ara xhieda a fol 46). Ippressat b'domanda esplicita in kontro-ezami dwar jekk Bonello kienx weghdu (li Lawrence Formosa) li ser ihallsu, l-attur iwiegeb hekk:

"Ma qallix direttament, qalli ser inxolji l-kumpanija, issa nkellem avukat, issa nirrangaw".

Fil-fehma tal-Qorti dan id-diskors ma jammontax ghal ammissjoni, multo magis jekk wiehed jorbot il-kwistjoni tal-ordni tal-materjal fornut ma min suppost ghamilha, jew ahjar f'isem min. L-ordni jidher li harget mill-ufficju tas-socjeta' konvenuta bit-telefon pero' l-persuna li ghamlilha, George Gatt, ma setax jixhed aktar b'mod inkonkluziv, vag u prevarikanti milli xehed. Fil-fatt jirriuzlta li kien hemm terzi involuti fil-progett fil-Belt Valletta fuq is-sit fejn twasasl il-materjal tal-konkos. Ix-xhieda tax-xufiera li kkonsenjaw il-materjal ma twassalx biex tikkonnetti x-xoghol mas-socjeta' konvenuta intoltre x-xhieda moghtija minn Lawrence Brincat, skrivan mas-socjeta' attrici turi li effettivament George Gatt kien gja indikalhom illi t-tlett fornituri de quo l-anqas kienu kif orignarjament "invoiced". Di fatti, u dan tkompli juri kemm kien hemm dubji u incertezzzi dwar l-ordni de quo jirrizulta li kien hemm arrangament ma' Anglu Xuereb mhux fil-kawza, li dan seta' jordna materjal u hu jissupplixxi lill-attur nomine bi zrar u ramel u mbaghad ikun hemm aggustament. F'dina l-operazzjoni jrriuzlta b'xi mod li kien involut George Gatt. Il-fatt hu li dawn it-tlett konsenji originajament gew addebitati lil Anglu Xuereb u in segwitu x-xhud George Gatt kien gibed l-attenzjoni ta' l-atturi li dawn il-konsenji minflok kellhom jintbaghtu lil Karl Bonello. Di fatti Lawrence Brincat l-iskrivan tas-socjeta' attrici (fol 62) jghid kategorikament:

"Hemm sirt naf lil Karl Bonello, smajt l-ewwel darba bih, meta qalli George Gatt".

Mhux hekk biss imma aktar ‘il quddiem ix-xhud ikompli jghid hekk (fol 64):

“…Jien nghid li l-karta agreement kien bejn Goerge Gatt u Anglu Xuereb biss”.

Biex tkompli tikkomplika ruhha l-kwistjoni, Karl Bonello xehed li hu proprio gieli ghamel xi ordnijiet pero; mhux ghal Testing Limited liema kumpanija ma kienetx taghmel xoghol ta’ kostruzzjoni.

Illi dwar il-kapitolu li gie pprezentat, jirrizulta lighalkemmd an johloq konfussjoni prezunta pero’ jibqa’ l-fatt li meta alcunde hemm provi kuntarji adegwati li juru differentement, allura l-Qorti mhiex marbuta li tiddeciedi bilfors skond il-kapitolu in kwistjoni. F’dan il-kaz, ix-xhieda u l-provi akkwiziti juru li fil-mument li sar il-kapitolu l-pcetensjoni attrici gja’ kienet preskritta u ghalhekk l-eccezzjoni f’dan il-kuntest kienet legtalment fondata. Dan ukoll ifisser li m’hemm l-ebda skop ghall-Qorti li toqghod tindaga’ oltre’ dwar min ezattament kien effettiva l-ordni tal-materjal supplit.

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; tichad it-talbiet attur kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-atturi nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.